**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tat-22 t' April 2016

Talba Numru: 67/2016

Numru fuq il-Lista: 3

**Vodafone Malta Limited (C10865)**

**vs.**

**Priscilla Attard K.I. 229992(M)**

It-Tribunal

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fil-25 ta' Frar 2016, li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet mingħand il-konvenuta il-ħlas tas-somma ta' elf, mija u sitta u disgħin Ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€1196.71) – rappreżentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizzi ta' komunikazzjoni u prodotti mogħtija mis-soċjeta` attriċi lill-konvenuta abbażi tat-tariffa "Lberty Max Pack Con" referibbli ghall-kont bin-numru 1.10978393.

Ra li mill-atti jirriżulta li l-konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta. Ra illi l-konvenuta ma ppreżentatx risposta in kontestazzjoni għall-istess talba iżda dehret għas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal fit-13 ta' April 2016.

Ra illi fis-seduta tat-13 ta' April 2016, il-konvenuta Priscilla Attard ikkonfermat it-talba attriċi kif dedotta u kkonfermat li hija għandha tħallas lis-soċjeta′ attriċi s-somma ta' elf, mija u sitta u disgħin Ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€1196.71).

It-Tribunal spjega lill-konvenuta l-effett tal-ammissjoni tagħha u ddifferixxa t-talba għas-sentenza għas-seduta odjerna.

It-Tribunal ra illi l-partijiet qablu illi l-ħlas isir b'pagamenti rateali ta' mitt Ewro (€100) fix-xahar, u spjega lill-konvenuta li jekk hija taqbeż xi pagament, titlef il-benefiċċju tat-terminu u l-ħlas ikun dovut minnufih.

**Deċide**

Għaldaqstant, fuq ammissjoni, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' elf, mija u sitta u disgħin Ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€1196.71), bir-rata ta' mitt Ewro (€100) fix-xahar, pagabbli kull l-aħħar jum tax-xahar, bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-ewwel pagament li ma jsirx sad-data tal-pagament effettiv. Jekk il-konvenuta taqbeż xi pagament, hija titlef il-benefiċċju tat-terminu u l-ħlas ikun dovut minnufih.

L-ispejjeż, inklużi ta' kwalsiasi mandat kawtelatorju fl-ismijiet premessi, huma a kariku tal-konvenuta.

**Av. Nadia H. Vella**
Ġudikatur